

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000024/2021

lill-Kunsill

Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

Pernille Weiss, Maria Arena, Martin Hojsík, Manuela Ripa, Alexandr Vondra, Idoia Villanueva Ruiz

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Suġġett: Protezzjoni tal-ħamrija

Il-ħamrija hija riżorsa mhux rinnovabbli vitali għall-ħajja fuq il-pjaneta. Il-ħamrija tipprovdi servizzi importanti tal-ekosistema, il-produzzjoni tal-ikel u hija faċilitatur ewlieni biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-protezzjoni effettiva tal-ħamrija hija kruċjali biex jiġu indirizzati d-degradazzjoni u l-erożjoni tal-art, filwaqt li tippreserva, tiproteġi u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u r-riżorsi naturali. Il-protezzjoni tal-ħamrija tista' wkoll issaħħaħ il-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, nilqgħu tweġibiet mingħand il-Kunsill għall-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Fil-kuntest tal-oġġettivi tal-UE dwar it-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-bijodiversità, il-Kunsill jappoġġa b'mod ġenerali qafas legali komuni tal-UE għall-protezzjoni tal-ħamrija fil-livell tal-UE u se jimpenja ruħu li jipprevjeni aktar degradazzjoni tal-ħamrija u li jittratta l-ħamrija bħala riżorsa komuni u ekosistema?
2. X'azzjonijiet qed jikkunsidra l-Kunsill sabiex jiffaċilita qafas legali futur tal-UE għall-protezzjoni tal-ħamrija?
3. Il-Kunsill kif se jiffaċilita l-kisba tal-impenji tal-UE relatati mal-ħamrija, kif ukoll l-impenji internazzjonali usa' dwar il-kwistjoni?

Imressqa: 22.3.2021

Skadenza: 23.6.2021